-

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Gżira

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 53

[Nhar il-Tlieta 28 ta’ Frar 2023]

Il-Kunsilli Lokali l-Gżira ltaqa’ bil-boardroom tal-Kunsill Lokali fil-5.30pm. Id-Deputat Segretarju Eżekutti attenda b’mod virtwali.

PREŻENTI:

Conrad Borg Manche – Sindku
Jeremy Cardona - Kunsillier
Mario Azzopardi – Kunsillier
Alexander Zammit – Kunsillier
Ian Buhagiar- Kunsillier
Hugh Caruana- Kunsillier

ASSENTI b’APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Ralph Mangion – Viċi Sindku
Mario Azzopardi – Kunsillier
Jessica Borg- Kunsilliera

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Anthony Attard – Deputat Segretarju Eżekuttiv

| | |
|---|---|
| **53.1** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji** |
| 53.1.1 | Id-D.S.E informa li l-Viċi Sindku, il-kunsillier M.Azzopardi u l-kunsillier J.Borg talbu biex ikun skużati. Kien hemm qbil. |
| **53.2** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti** |
| 53.2.1 | Il-kunsillier I.Buhagiar ppropona li l-Minuti jiġu approvati. Il-kunsillier H.Caruana ssekondaħ. Kien hemm qbil unanimu. |
| **53.3** | **Korrespondenza mas-Sindku** |
| 53.3.1 | Kien hemm applikazzjoni sabiex isir hoarding ġewwa triq Belvedere. Wara diskussjoni kien hemm qbil illi tingħata permess bil-kundizzjoni li ssir drop-curve fejn se jsiru z-zebra crossings. |
| 53.3.2 | Kien hemm talba għal hoarding ġewwa triq Manoel De Vilhena. Is-Sindku qal illi diġa saret. |
| 53.3.3 | Kien hemm talba mill-iskola St. Claire sabiex il-Kunsill jagħti assistenza għall-attivitajiet tal-iskola fejn se jkun hemm bzonn trasport, kif ukoll għal materjal bzonnjuz fl-iskola. Il-Kunsill qabel. |
| 53.3.4 | Kien hemm talba biex il-Kunsill jagħmel zebra crossing ġewwa triq Bouverie minħabba hoarding li se ssir. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qal illi dan huwa xogħol min qed jaħdem hemm u għalaq il-bankina. |
| 53.3.5 | Waslet talba sabiex isir zebra crossing ġewwa Sliema rd. k/m Rue D'Argens. Kien hemm qbil illi ssir applikazzjoni. |
| 53.3.6 | Is-Sindku lmenta fuq id-dewmien illi hemm għax-xogħolijiet ġewwa triq Manoel de Vilhena u Carlo Manche. Qal illi ġew żewġ Ministri u ma ġiex avzat. Sar jaf illi telqu ammont ta' ħaddiema li huma torok, wara t-traġedja li kien hemm f'pajjizhom, izda qal se jibqa jinsisti li x-xogħolijiet ma jkomplux idumu u li titlesta għaz-zmien il-festa. |
| 53.3.7 | Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-Kunsill illi jiġi approvat ħaddiem illi daħal jaħdem mall-Kunsill taħt skema li kien hemm għan-nies b'diżabilita, biex dan issa jsir impjegat tal-Kunsill. Kien hemm qbil unanimu fil-Kunsill. |
| 53.3.8 | Is-Sindku qal illi kien hemm kuntrattur li kien jieħu ħsieb il-latrini izda dan waqqaf peress illi l-latrini ingħalqu għal sena u nofs. Qal illi malli fetħu, stabbiliment privat beda jieħu ħsieb it-tindif tagħhom u l-ex kuntrattur qed jitlob li jieħu dak illi kellu |

| | |
|---|---|
| | jieħu għal sena u nofs. Il-Kunsill se jididskuti xi xogħolijiet li jista jagħmel minflok. Is-Sindku żied ukoll illi hemm bzonn isir MoU ma' min qed jieħu ħsieb il-latrini. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qal hemm bzonn tittieħed parir legali għalhiex il-privat ma jistax jagħmel qliegħ minn art pubbliku. |
| 53.3.9 | Is-Sindku qal illi l-familja ta' Pelin, it-tfajla li mietet f'inċident ġewwa Imsida Road, talbu li jsir memoral f'isimha. Kien hemm qbil mill-Kunsill. |
| 53.3.10 | Is-Sindku qal illi l-għada tal-laqgħa se tinstemma l-appell fuq il-ġnien. |
| 53.3.11 | Is-Sindku qal illi kellu laqgħa mall-Ministru tal-Anzjani fejn sar jaf li jagħtu ammont ta' assistenza u korsijiet għall-anzjani u jixtieqU li l-anzjani tal-lokalita jiġu avzati. |
| 53.3.12 | Is-Sindku qal illi hemm €35,000 mill-fondi tar-Reġjun għall-affarijiet kulturali li ma ġewx utilizati s-sena l-oħra. Ippropona li ssir xogħol ta' restawr u tindif għal bir illi hemm ġewwa l-iskola tal-Gvern. Kien hemm qbil unanimu. |
| 53.3.13 | Is-Sindku qal illi hemm €16,000 għall-Għaqdiet tal-baned illi ma ġewx utilizati, kif ukoll €35,000 oħra għall-attivitajiet kulturali għal din is-sena. Ipprona li dawn il-€35,000 jintuzaw biex jiftħu x-xelters illi hemm taħt Savoy Gardens. Kien hemm qbil unanimu. |
| 53.3.14 | Is-Sindku qal illi waslet talba mingħand NUTS li jagħmlu attivitajiet biex jgħinu tfal fil-bzonn, sabiex il-Kunsill jassisti biex isir attivita fil-lokalita u jieħu ħsieb l-arranġamenti biex ikun hemm 2 pulizija. Il-Kunsill qabel unaniment. |
| **53.4** | **Mistoqsijiet tal-kunsilliera** |
| 53.4.1 | Ma kien hemm l-ebda mistoqsija |
| **53.5** | **Rapporti** |
| 53.5.1 | Ma kien hemm l-ebda rapporti |
| **53.6** | ***Items* oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa** |
| 53.6.1 | Il-kunsillier J.Cardona qal hemm zebra crossing safra ġewwa triq Reggie Miller u talab illi din tkun waħda permanenti. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qal illi għanda tiġi approvata mingħand TM. |
| 53.6.2 | Il-kunsillier N.Chetcuti qal illi xorta qed tippersisti l-problema tat-telefon mall-Front Office. Id-DSE qal illi ħarġet sejħa għal impjegata oħra. |
| 53.6.3 | Il-kunsillier J.Cardona qal illi hemm wires imdendlin ġewwa triq San Albert u hemm periklu. |

53.6.4 Id-DSE qal illi intbagħtet applikazzjoni għal Project Green fejn l-applikazzjoni saret għal triq il-Kubrit fejn diġa kien hemm preparamenti għal proġett mall-UoM. Kien hemm qbil mill-Kunsill.

53.6.5 Id-DSE qal illi waqt illi kien qed ikellem lill-accountant il-ġdid ġie innottat illi mhux kull kunsillier qed iħallas l-ammont ta' taxxa kif suppost u għalhekk hemm min se jara differenza zgħira din is-sena u jista jkun illi jkollom jirranġaw mas-CIR dwar iċ-ċiffri tas-sena l-oħra.

## 53.7 Unaudited Financial Statements

53.7.1 Id-D.S.E qal illi l-Kunsill ma bagħatx il-UFS fil-ħin. Spjega illi fl-ewwel laqgħa li kellu mall-accountant, l-accountant il-ġdid qal illi ma sar l-ebda postings fis-sena 2022 u kellu jibda kollox hu mill-bidu, dan kollu fl-aħħar jiem tas-sena. Id-DSE qal illi avza lid-DLG, NAO u l-awdituri li mhux se jilħqu d-deadline u fehmu s-sitwazzjoni bi accountant u S.E ġdid, waqt illi għal xi raġuni ma sar l-ebda accounting matul is-sena 2022.

**Id-DSE qal illi għaddew tlett sigħat. Kien hemm qbil unanimu biex il-laqgħa titkompla. Il-kunsillier I.Buhagiar telaq fit-20:30**

## 53.8 Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti

53.8.1 Il-kunsillier H.Caruana staqsa dwar ix-xiri ta' kompjuters bħala parti mill-fondi tal-UE. Kien hemm argument bejn is-Sindku u l-kunsillier A.Zammit wara li s-Sindku qal illi kulħadd għandu dritt jistaqsi dawn id-domandi qabel il-laqgħa u m'hemmx għalfejn kull laqgħa tiġi ripettuta l-istess ħaġa.
Id-DSE qal illi dawn il-laptops kien diġa approvati f'laqgħa tal-Kunsill fis-sena 2022, u la kien hemm problema bix-xiri tagħhom qabel, dawn ġew ikkanċellati f'dik l-iskeda ta' pagamenti u qegħdin isiru issa.
Id-DSE qal illi dawn il-proġetti huma funded mill-UE u l-affarijiet mhumiex tal-Kunsill izda tal-EC. Il-Kunsill ikun ħa l-fondi għalihom. Qal ukoll illi hu avzat illi saret laqgħa bejn l-istaff li jieħdu ħsieb dawn il-proġetti u l-kunsilleira, fejn il-kunsilliera kienu avzati kif jaħdmu l-affarijiet.
Żied biex ma jkunx hemm argumenti għal xejn, ir-raġuni għalfejn dokumenti jintbagħtu ġranet qabel il-laqgħa hi sabiex jiġu meħuda bħala moqrija. Ma jfissirx illi kunsillier m'għandomx dritt jistaqsu, izda wieħed dejjem jista jitlob informazzjoni qabel biex nevitaw argumenti bħal ma kien hemm.
Il-kunsillier H.Caruana qal illi jħoss illi m'għandux jistaqsi izjed domandi. Id-DSE u s-Sindku qal għandu kull dritt jistaqsi izda fejn hemm bzonn jista jitlob informazzjoni meta tintbagħat il-lista.

53.8.2 Il-kunsillier A.Zammit staqsa dwar il-pagament għall-attivita tal-Banda u staqsa għalfejn il-kunsilliera ma kienux avzati li l-Kunsill qed jorganizza attivita. Is-Sindku qal illi l-attivita kienet tal-banda u l-invoice kella tintbagħat lil banda u mhux lill-

| | |
|---|---|
| | Kunsill. Qal illi kien ta l-approvazzjoni sabiex il-banda jorganizzaw u l-Kunsill jassisti kif hemm bzonn. It-talba saret bejn laqgħa u oħra.<br>Il-kunsillier A.Zammit qal illi għandom jiġu avzati. Is-Sindku fakkar lill-kunsillier A.Zammit kemm il-darba ma ġiex avzat fuq affarijiet illi kien għamel hu u kien hemm argument ieħor.<br><br>**Il-kunsillier J.Cardona telaq għal 20:50 u b'hekk ma kienx hemm kworum.** |

Konfermati, illum.

IFFIRMATA

Conrad Borg Manche
Sindku

IFFIRMATA

Anthony Attard
Dep. Segretarju Eżekuttiv